MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 1171/2010/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1687/2010, u kif ukoll fl-atti tal-Ittra Ufficjali Ezekuttiva Numru 4160/2010 it-tnejn fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**v.**

**Medairco Limited (C1697)**
**Anthony Migneco**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Medairco Limited u Anthony Migneco pprezentat fit-12 ta’ Novembru 2010, li jaqra hekk:

“1. Premess illi gie ezegwit fil-konfront ta’ Medairco Limited u Anthony Migneco l-mandat ta’ sekwestru ezegwit f’dina l-Qorti fl-ismijiet premessi numru 1687/2010 ghas-somma ta’ €1,634,459.40.

“2. U billi l-istess mandat gie ezegwit fuq il-kawzali li l-kreditu gie rez ezegwibbli permezz ta’ “ittra ufficjali ezekuttiva nru ..../10” (u dana kif dikjarat fl-istess mandat).

“3. U billi l-ittra ufficjali fuq premessa ma gietx segwita l-procedura rikjesta sabiex l-istess ittra tikkostitwixxi titolu ezekuttiv *ai termini* ta’ l-artiklu 59 tal-Kap 406, u dana billi fil-fatt l-ittra u l-avvizi precedenti ma gewx debitament notifikati kif rikjest mil-ligi.

“4. U billi *ai termini* tal-Artikolu 59 tal-Kap 406, il-procedura sabiex ammont dovut lill-Kummissarju jista’ jigi rez esekuttiv huwa li qabel xejn tintbghat nota ta’ talba ghall-hlas u jekk id-debitur ma jhallasx fi zmien tletin jum minn meta tkun tigi notifikata, il-Kummissarju jista’ jipprocedi biex jinnotifika lid-debitur b’avviz mahrug li juri ammont ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna. Hija dina l-avviz li tikkostitwixxi titolu ezekuttiv, u dan wara li tigi notifikata permezz ta’ att gudizzjarju.

“5. U billi jirrizulta li n-nota ta’ talba ghal hlas kienet mibghuta nhar l-24 ta’ Awissu 2010 f’zewg indirizzi: "Sur Anthony Migneco c/o Medairco Ltd, 55 Racecourse Street, Marsa (MRS 2919)” u “Id-Direttur, Sur Anthony Migneco, Medairco Ltd, 55 Racecourse Street, Marsa (MRS 2919).

“6. U billi fil-fatt Anthony Migneco waqaf ikun direttur fis-socjeta` Medairco Ltd sa mid-9 ta’ Settembru 2009 meta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati gie kundannat ghall-interdizzjoni generali u perpetwa liema interdizzjoni kellha tigi pubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Fil-fatt is-sentenza kienet kisbet ammont ta’ notorjeta` u kien hemm anke appell mill-Avukat Generali

fejn l-istess sentenza giet konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-13 ta' Novembru 2009. Fi kwalsiasi kaz il-Kummissarju intimat kien jaf b'dan in kwantu kien huwa stess li beda l-proceduri kontra l-istess Migneco.

"7. U billi perdipiu` l-indirizz 55, Racecourse Street, Marsa la hija l-indirizz residenzjali ta' Anthony migneco u lanqas ma hija l-indirizz ta' l-ufficju tas-socjeta` Medairco Limited. L-indirizz ufficjali tal-kumpanija "Medairco House, 119 Msida Valley Road, Birkirkara".

"8. Ghalhekk l-istess Migneco waqaf ikollu kwalsiasi forma ta' funzjoni fl-istess socjeta` minn Settembru 2009 u kwalsiasi nota li ntbaghtet lilu kemm personalment u iktar u iktar ghan-nom tas-socjeta` Medairco fl-indirizz 55, Racecourse Street, Marsa hija invalida peress li ma gietx debitament notifikata.

"9. L-istess ghandu jinghad ghall-ittra ufficjali premessa specjalment fil-konfront ta' Anthony Migneco.

"10. U billi inoltre jigi rilevat li l-Kummissarju intimat dejjem talab il-hlas ta' ammont bilancali minghajr ma ta *breakdown* ta' x'inhu dovut bhala taxxa u bhala penali u bhala imghax. Illi dan il-*breakdown* mhuwiex biss rekwizit mill-artikolu 59(1) tal-Kap 406, izda huwa essenzjali wkoll ghad-dritt ta' smigh xieraq sabiex wiehed ikun jista' jikkontesta l-ammont (u l-likwidazzjoni ta' dak l-ammont) effettivament anke peress li jidher li l-ammont bilancali jinkludi wkoll l-imghax pretiz.

"11. U billi "l-esponenti" irriserva d-dritt li jikkontesta l-likwidazzjoni ta' l-istess bilanc wara li jinghata prospett li juri l-ammont dovut bhala taxxa u bhala penali.

"12. U billi ghalhekk Medairco Limited u Anthony Migneco opponew ghat-titolu ezekuttiv u l-mandat premessi *ai terminu* ta' l-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-artiklu 59(1) tal-Kap 406.

“Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li tiddikjara li l-esponenti ma ghandha taghti xejn lil Kummissarju intimat kif minnu pretiz u kull dikjarazzjoni ohra opportuna u xierqa:

“1. Tiddikjara li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif dedotta fl-ittra ufficjali premessa ma gietx debitament notifikata lill-esponenti.

“2. Tiddikjara li l-avviz mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jilhaqx il-vot ta’ l-Artiklu 59(1) tal-Kap 406 inkwantu ma jispecifikax l-ammont dovut bhala taxxa u bhala penali amministrattiva.

“3. Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-mandat ta’ sekwestru premess numru 1687/2010 u t-titolu ezekuttiv allegatament ottenut permezz ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru 2010 kif fuq inghad u ghal kwalsiasi raguni ohra li tista’ tirrizulta fil-mori tar-rikors.

“4. Tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-mandat ta’ sekwestru numru 1681/2010 u kif ukoll tal-ittra ufficjali premessa *ai termini* ta’ l-artikolu 281 tal-Kap 12 u dana salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

“Bl-ispejjez u l-ingunzjoni ta’ l-intimati in subizzjoni.”

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza taghha eccepixxa illi:

“2. Illi fl-ewwel lok jigi sottomess li l-avvizi ta’ talba ghall-hlas li nhargu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-indirizz 55, Racecourse Street, Marsa, kellhom riferta pozittiva bil-konsegwenza li llum jikkostitwixxu titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti.
“3. Illi l-avvizi segwiti permezz ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru, 2010 gew notifikati f’dak l-indirizz ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati.

“4. Illi wara ricerki fir-Registru Pubbliku, kien irrizulta lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li s-

socjeta` rikorrenti Medairco Limited kienet fit-30 ta' Mejju 2005, bieghet u ttrasferiet il-fond 119, Valley Road, Msida, u cioe` l-ufficcju registrat taghha (ara kopja ta' estratt mill-*website* tar-Registru tal-Kumpanniji Dok KTVM2) lis-socjeta` Cardinal Holdings Limited permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar, (ara kopja tan-nota I11546/2005 annessa mar-risposta u immarkata Dok. KTVM1).

"5. Illi kien proprju ghalhekk li l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2010, ipprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra r-rikorrenti, kienet giet notifikata lil dik is-socjeta` rikorrenti skond dak li jipprovdi l-para. (a) tas-subart. 187(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri fil-post tan-negozju ta' dik is-socjeta` kif jirrizulta mid-dokumenti KTVM3 sa KTVM6 annessa mar-risposta u li huma rispettivament *Google search*, estratt mill-*website* ta' <u>Malta Home Interiors Directory</u>, estratt mill-*website* DAIKIN u ittra mibghuta lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mir-rikorrent Anthony Migneco stess fit-3 ta' Marzu, 2009).

"6. Illi wara lir-rikorrent Anthony Migneco, minkejja li l-karta ta' identita` sal-25 ta' Novembru, 2010, tirrizulta registrata fuq l-indirizz 'Dar Serena", Triq Santa Katerina, Attard, (ara kopja CDB annessa mar-risposta u mmarkata Dok KTVM7), fis-7 ta' Ottubru, 2004, flimkien ma' martu Marcelle Migneco, bieghu u ttrasferixxu dak il-fond lis-socjeta` Harmony Holdings Limited permezz ta' kuntratt insinwat fl-atti tan-Nutar Dott. Pierre Falzon (ara kopja nota I18618/2004 immarkata Dok. KTVM8 u nota korrettorja I7289/2005 immarkata Dok. KTVM9), il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kellu l-ebda xelta ohra ghajr li jinnotifika lill-imsemmi rikorrent fil-post tax-xoghol tieghu li rrizulta li kien proprju 55, Racecourse Street, Marsa, minn ittra tieghu stess lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara Dok. KTVM6) fejn indika li hu kien Managing Director tas-socjeta` Medairco Limited.

"7. Illi din in-notifika saret skond dak li jipprovdi s-subart. 187(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri li persuna tista' tigi notifikata billi tithalla fil-post tax-xoghol

taghha, li f’dan il-kaz kien proprju l-indirizz tan-negozju ta’ dik is-socjeta` rikorrenti.

“8. Illi minkejja l-interdizzjoni generali u perpetwa konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-13 ta’ Novembru, 2009 kien proprju fl-14 ta’ Settembru 2010, jigifieri wara l-hrug ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Ottubru, 2010, li r-rikorrent Anthony Migneco iddecieda li jipprezenta l-Form K li kopja taghha tinstab annessa mar-rikors promotur bhala Dok F, izda xorta wahda baqa’ jiffirma bhala *Managing Director* tas-socjeta` Medairco Ltd fuq id-denunzji prezentati f’din l-ahhar sena (ara kopji annessi mar-risposta u immarkati Dok. KTVM10 sa Dok. KTVM15).

“9. Illi skond il-*website* tar-Registru tal-Kumpanniji (ara kopja estratt Dok. KTVM10), mhux biss ir-rikorrent Anthony Migneco kien ghadu registrat bhala direttur tas-socjeta` Medairco Limited fid-9 ta’ Awissu, 2010, qabel ma nhargu l-avvizi u giet registrata l-ittra ufficjali in kwistjoni, izda wkoll kien registrat bhala segretarju u rapprezentant legali u gudizzjarju taghha.

“10. Illi skond is-subart. 66(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, mhux biss direttur, izda wkoll segretarju, *manager* jew sahansitra ufficjal principali ta’ kumpannija, ghandhom jitqiesu ghall-fini ta’ dak l-att bhala rapprezentanti taghha.

“11. Illi skond is-subartikoli 66(3) u 66(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-rikorrent Anthony Migneco bhala rapprezentant tas-socjeta` Medairco Limited, kellu jkun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bhal dik is-socjeta` ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet kollha imposti minn dik il-ligi, kif ukoll responsabbilita` solidali ma’ dik il-kumpannija ghat-taxxa dovuta: dan dejjem ghall-perjodu li fih hu jibqa’ kunsidrat bhala rapprezentant taghha.

“12. Illi ma jirrizultax sallum li r-rikorrent Anthony Migneco ma jokkupax kariga principali bhal dik ta’ *manager* jew ufficjal principali iehor, anzi jirrizulta fin-

nuqqas ta' rizenja minn tali kariga jew emenda fil-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta` Medairco Limited, li hu ghadu rapprezentant kemm guridiku kif ukoll legali.

*"Ammont ta' taxxa u penali amministrattiva.*

"13. Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi sottomess mir-rikorrenti, is-subart. 59(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jitfa' l-ebda obbligu fuq il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jiddistingwi bejn taxxa u penali amministrattivi fl-avviz li jinhareg minnu ghall-hlas.

"14. Illi f'kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti kellhom kull opportunita` f'dak l-istadju, li jaghmlu talba lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal kjarifika u ma jistennewx proprju l-hrug ta' mandat ta' sekwestru: wiehed ukoll ma jridx jinsa li tali avviz jinhareg REGOLARMENT."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' April 2011, li in forza taghha r-rikors gie deciz billi:

"…filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati fir-risposta, ghar-ragunijiet trattati hawn fuq, tiddikjara li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif dedotta fl-ittra ufficjali premessa ma gietx debitament notifikata lil Medairco Limited u Anthony Migneco.

"Tiddikjara li l-avviz mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma jilhaqx il-vot ta' l-Artiklu 59(1) tal-Kap 406 inkwantu ma jispecifikax l-ammont dovut bhala taxxa u bhala penali amministrattiva.

"Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 1687/2010 u t-titolu ezekuttiv allegatament ottenut permezz ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 2010 kif fuq inghad.

"Tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru numru 1681/2010 u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali premessa *ai termini* ta' l-artikolu 281 tal-Kap 12."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**<u>D1. Natura tal-ligi tal-procedura:</u>**

"Jibda biex jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* - Vol XVII p1 p 879:

"Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata alla lettera e non per equipollens".*

"Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti ta' l-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

"Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited *et*** inghad li:

""Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."

"**<u>D2. Mertu propju tar-rikors in ezami:</u>**

"Ikkunsidrat

"Fuq il-bazi ta' l-artikolu 4(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta:

""Socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri taghha...".

"Dwar rapprezentanza, l-artikolu 66 (1) tal-Kap 406 jghid:

""66. (1) Kull segretarju, *manager*, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull

werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta’ l-eredità vakanti ta’ persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew *trustee* ta’ xi persuna ohra jew ta’ xi *trust*, *fund*, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta’ dan l-Att, ta’ dak il-korp ta’ persuni, persuna mejta, persuna ohra, *trust*, *fund* jew enti iehor, skond il-kaz.”

“Fis-subartikolu 3 (c) ta’ l-istess artikolu 66 insibu:

““Avviz li jigi notifikat lil rapprezentant jew hlas lura li jsir lil rapprezentant fil-kariga tieghu ta’ rapprezentant taht kull disposizzjoni ta’ dan l-Att ghandhom jitqiesu bhala notifikat jew maghmul lill-persuna li huwa jkun rapprezentant taghha.”

“Hu importanti wkoll li wiehed jirreferi ghad-dispost ta’ l-art 59(1) u (2) tal-Kap 406 li jghid:

““59. (1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta ’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

“(2) Il-Kummissarju jista’ jitlob il-hlas ta’ kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta’ nota ta’ talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta’ talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista’ jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta’ talba ghall-hlas li ssir permezz ta’ att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta’ jumejn imsemmi f’dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta’ l-artijiet, skond il-kaz, nota ta’ privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta’ privilegg tista’ tigi registrata minn kull avukat jew nutar.”

"L-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 jibda billi jghid:

""187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata ... "

"L-artikolu 187 (4) tal-Kap 12 jitkellem dwar korpi, personalita` guridika distinta u jghid:

""(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:

"(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew

"(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."

"Fis-subartikolu 2 ta' l-artikolu 181A jissemmew il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta' korp, segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji.

"Dan kollu jwassal li notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata. Notifika ghandha ssir lil dik il-persuna u mhux persuna ohra ghall-validita` taghha. Korp li ghandu personalita` guridika distinta jigi notifikat fl-ufficcju registrat, ufficcju principali, post tan-negozju jew indirizz postali f'idejn il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta' korp, segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji, jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp. Applikabbli ghal taxxa tal-valur mizjud dwar notifika ta' korp ta' persuni huma dawk kollha msemmija fl-artikolu 66 (1) tal-Kap 406. In-nota ta' talba ghall-hlas ghandha tispecifika x'ghandu jithallas bhala ammont ta' taxxa u penali amministrattiva. Jekk il-hlas ma jsirx fi zmien tletin (30) jum min-notifika

tan-nota ta' talba ghall-hlas, il-Kummissarju awtorizzat b'titolu ezekuttiv u l-avviz mahrug mill-Kummissarju dwar l-ammont dovut minn persuna huwa xhieda bizzejjed li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna, kif ukoll jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Dan japplika dejjem kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja.

"Ma jidhirx li fil-kaz in ezami saret notifika kif mitlub hawn fuq. Jibda biex jinghad li Anthony Migneco li precedentement kien direttur fis-socjeta` Medairco Limited sad-9 ta' Settembru 2009, ma baqax direttur ta' l-istess u anke gie ikkundannat ghall-interdizzjoni generali perpetwa pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern in segwitu ta' proceduri kriminali kontra tieghu li fihom kien parti propju d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Mill-imsemmija data tas-sentenza li giet konfermata fit-13 ta' Novembru 2009 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Anthony Migneco tilef ir-rapprezentanza ta' l-imsemmija socjeta`, u ghalhekk ma seta' jaqa' f'ebda kategorija ta' xi hadd li seta' gie notifikat kif imsemmi. Issa irrizulta li n-nota ghat-talba ghall-hlas kienet mibghuta fl-24 ta' Awissu, 2010 lis-Sur Anthony Migneco c/o Medairco Limited, 55, Racecourse Street, Marsa u d-Direttur is-Sur Anthony Migneco, Medairco Limited, 55, Racecourse Street, Marsa. Kien in segwitu ta' dawn li fil-fehma tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkostitwixxa kawzali li fil-fehma tieghu l-kreditu gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjalli ezekuttiva u li giet segwita b'Mandat ta' Sekwestru 1687/2010 ghas-somma ta' €1,634,459.40.

"Il-fond 55, Racecourse Street, Marsa mhux l-indirizz residenzjali ta' Anthony Migneco u anqas l-ufficcju tas-socjeta` Medairco Limited ghax ta' din ta' l-ahhar huwa Medairco House, 119 Msida Valley Road, Birkirkara.

"It-tentattiv ta' notifika li saret hija invalida ghax in-notifika ma saritx konformement mal-ligi. Dan huwa applikabbli ghall-proceduri legali sussegwenti, inkluz l-Ittra Ufficjali. Ir-riferta pozittiva tal-pustier ma jwasslux ghal notifika valida ghax din trid tkun konformi mal-ligi. Il-fatt li fit-30 ta' Mejju 2005, Medairco Limited ittrasferiet il-fond 119, Valley Road, Msida ma jwassalx ghal li n-notifika kif saret

tirrendiha bhala wahda valida ghax messhom ittiehdu passi ohra. Id-dokumenti KTVM 3 sa 6 ma jwasslux ghall-prova rikjesta taht l-artikolu 187 (4) (a) tal-Kap 12 tan-notifika fil-post tan-negozju ghax tali notifika trid issir f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija u cioe` jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp, jew f'idejn segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji.

"Din il-Qorti hija konxja li eccezzjonalment, fl-interess tal-gustizzja, notifiki tqiesu validi anke meta ma kienux drakonjanament imxew mad-disposti tal-ligi meta effettivament il-parti kienet notifikata izda mhux fil-post imsemmi fil-ligi. F'dawk il-kazijiet ix-xjenza tal-kawza kienet hemm u l-parti ghazlet li ma tiehux il-passi biex tiddefendi l-pozizzjoni taghha. Fil-kaz in ezami, il-fatti huma totalment differenti ghax hawn fil-persuna ta' Anthony Migneco hemm l-interdizzjoni u ghalhekk dan anke jekk irid ma jistax jiehu passi. Huwa veru li t-tip ta' interdizzjoni tieghu setghet tippermettilu li jiehu pariri u jagixxi, izda f'dan il-kaz kien propju l-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li kien talab l-istess interdizzjoni u kien ben konxju ta' dan il-fatt. Anqas in-notifika tas-socjeta` Medairco Limited ma saret kif suppost, kif issemma fuq."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza tieghu, ghar-raguniijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Civili Prim Awla tat-13 ta' April, 2011, fl-ismijiet premessi ghar-ragunijiet fuq migjuba, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta ta' Medairco Ltd u Anthony Migneco li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottomettew illi l-appell tal-Kummissarju appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrenti Medairco Ltd u Anthony Migneco qed jikkontestaw allegat titolu ezekuttiv li l-Kummissarju appellant jghid li akkwista kontra taghhom bis-sahha ta' Ittra Ufficjali tat-22 ta' Ottubru 2010. Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li din l-ittra ufficjali ma gietx notifikata kif titlob il-ligi, u ghax l-Avviz ghall-hlas kien nieqes mid-dettalji mehtiega li jippermettu kontestazzjoni f'waqta tal-ammont mitlub.

L-ewwel Qorti sabet favur ir-rikorrenti fuq iz-zewg aggravji u ordnat ir-revoka u t-thassir tal-imsemmija ittra ufficjali u l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li nhareg sussegwentement.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud appella mis-sentenza u argumenta li l-ittra ufficjali giet debitament notifikata fil-post tan-negozju tas-socjeta` u f'idejn impjegat tal-istess. Tghid ukoll li l-Avviz ghal-hlas, kif intbaghat, hu validu.

Ir-rikorrenti, apparti li kkontestaw dawn l-aggravji tal-Kummissarju appellant, resqu pregudizzjali ghas-smiegh tal-appell, bazat fuq ic-cirkostanza li, wara s-sentenza tal-ewwel Qorti, l-istess Kummissarju hareg Avvizi ta' stimi godda bid-dettalji li l-ewwel Qorti qalet kienu nieqsa, u allura, qed jigi sottomess, l-appellant ma jistax jippersisti b'dan l-appell peress li akkwiexxa ghas-sentenza.

Trattat l-ewwel dan il-pregudizzjali, din il-Qorti ma tarax li tista' taccetta l-argument li l-Kummissarju appellant akkwiexxa ghas-sentenza. Il-fatt li appellant, fil-mori tal-appell, jikkawtela l-interessi tieghu f'kaz li l-appell jigi deciz kontra tieghu, ma jistax jitqies bhala akkwiexxenza ghas-sentenza attakkata. Jista' jkun li l-Kummissarju appellant kien imhasseb dwar l-effetti tat-trapas taz-zmien fuq il-pretensjoni tieghu ghall-hlas tat-taxxa u, ghalhekk "irrepeta" il-hrug tal-Avvizi. L-ewwel sett ta' Avvizi gew imhassra mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u l-

Kummissarju appellant ried jikkawtela ruhu ghal kaz li dik ir-revoka tigi konfermata minn din il-Qorti. Apparti dan, ma jidhirx li l-ammonti jaqblu u jidher li fl-istimi l-godda intalbu hlasijiet ohra mhux inkorporati fl-ittra ufficjali meritu ta' dawn il-proceduri.

Lanqas ma jista' jinghad li, fid-dawl tal-hrug ta' dawn l-Avvizi, l-ammont pretiz fl-ittra ufficjali ma ghadux jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Jekk is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi revokata u t-titolu ezekuttiv li jghid li akkwista l-Kummissarju appellant jitqies validu u ezegwibbli, li jigri hu li l-istess Kummissarju ma jkollux ghalfejn jitlob li jakkwista titolu ezekuttiv gdid. Sal-lum, pero`, titolu ezekuttiv wiehed qed jigi reklamat u pretiz, u l-hrug tal-Avvizi l-godda ma jwassalx li jinnewtralizza dan.

Trattat il-meritu tal-aggravji principali tar-rikorrenti, l-ewwel Qorti qieset in-notifika rregolari, peress li l-istess saret f'idejn Anthony Migneco, li f'Settembru tal-2009, gie kkundannat ghall-interdizzjoni generali perpetwa ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern in segwitu` ta' proceduri kriminali kontra tieghu, u lanqas ma saret fl-ufficcju registrat tas-socjeta` Medairco Ltd, li hu 119 Msida Valley Road, Birkirkara.

Il-mod ta' kif issir notifika lill-kumpanija hu regolat fl-Artikolu 187(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan is-subartikolu jipprovdi kif gej:

*"(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja tal-iskrittura:*

*"(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew*

*"(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-Artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."*

Minn dan isegwi, fl-ewwel lok, li n-notifika mhux mehtieg li ssir fl-ufficcju registrat tal-kumpanija, izda wkoll fil-post tan-negozju tal-istess. Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta mill-atti li l-fond 119, Msida Valley Road, Birkirkara, l-ufficcju registrat tal-kumpanija, inbiegh lill-kumpanija ohra fit-30 ta' Mejju 2005 u ghalhekk in-notifika tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 2010 ma setghetx issir f'dak il-lok. Jirrizulta mill-provi li ressaq il-Kummissarju appellant li s-socjeta` Medairco Ltd ghandha post ta' negozju f'55, Racecourse Street, Marsa. Dan jirrizulta, fost ohrajn, minn ittra mibghuta minn Anthony Migneco stess lid-dipartiment intimat f'Marzu tal-2009. Kwindi, in-notifika li saret f'dak il-post tan-negozju hija konformi mal-Artikolu 187(4)(a) tal-Kap. 12 imsemmi, u allura valida.

Dwar ic-cirkostanza li n-notifika saret f'idejn Anthony Migneco, il-Qorti tirrileva li ghalkemm dan inghata interdizzjoni generali, hu baqa' jaghmel xoghol ghas-socjeta` Medairco Ltd, tant li hu kien jiffirma l-korrispondenza mad-Dipartiment, u wkoll id-denunzji li ntbaghtu lid-dipartiment. Kienet x'kienet il-kariga tieghu fi hdan il-kumpanija, hu baqa' jaghti servizz lis-socjeta` li, allura, taghmlu persuna idonea li tircievi notifiki ghal kumpanija. Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawza **Xanthippe Shipping Ltd v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza fit-30 ta' Novembru 2007. F'dik is-sentenza intqal dan dwar f'idejn min tista' ssir in-notifika:

*"Il-kwistjoni tan-notifika ta' att gudizzjarju li ghandha ssir lill-kumpanija hi ben definita fil-ligi, partikolarment il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont din il-ligi, fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja tal-iskrittura (Artikolu 187(4)(b)) f'idejn persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew segretarju tal-kumpanija jew persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu (Artikolu 181(2)), u dan bil-mod indikat fl-Artikolu 187(1), u cioe` billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata*

*minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.*

*"Issa, f'dan il-kaz, l-ittra ufficjali thalliet f'idejn id-diretturi tal-kumpanija rikorrenti billi thalliet kopja taghha fil-lok fejn joqoghdu f'idejn wahda fis-servizz taghhom. In-notifika, allura, saret fit-termini tal-ligi u ghandha titqies valida. Jirrizulta li dan ir-rikors gie pprezentat jum tard u ghandu jitqies irritwali."*

F'dan il-kaz, in-notifika saret lil xi hadd li hu zgur "fis-servizz" tar-rapprezentant ufficjali tas-socjeta` Medairco Ltd, u kwindi ma tistax titqies mhux valida.

Ghar-rigward tal-avviz, jidher li l-interpellazzjoni saret ghal somma wahda minghajr *breakdown* ta' x'inhu dovut bhala taxxa, bhala penali u bhala imghax; l-istess sar fl-ittra ufficjali li suppost giet reza ezekuttiva. Din il-Qorti tara' li ghalkemm il-ligi ma tghidx espressament li l-avviz ghandu hekk jiddistingwi, fl-interess tad-drittijiet tal-pagatur, hu importanti li dan il-*breakdown* isir. Min jircievi talba ghal hlas ta' taxxa, ghandu terminu fatali li fih jista' jikkontesta t-talba, u dan it-terminu huwa moghti kollu lill-pagatur, li m'ghandux jigi mgieghel "jahli" xi zmien minn dan it-terminu billi jigri wara ufficjali tad-dipartiment halli jitlob kjarifiki dwar is-sors tat-talba. It-terminu ghal kontestazzjoni ghandu jithalla <u>kollu</u> a disposizzjoni tat-*taxpayer*, li ghandu dritt li <u>mill-ewwel</u>, jinghata *breakdown* tas-somma mitluba, biex ikun jaf x'ghandu jikkontesta u lil min jikkonsulta biex jikkontesta liema partijiet mis-somma reklamata.

In vista' tal-fatt li dan in-nuqqas irendi l-avviz inkwistjoni difettuz, u hu ta' pregudizzju ghal jedd tac-cittadin li jikkontesta l-pretensjonijiet tal-fisku, din il-Qorti tara' li ghandha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, mhux ghax l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lil Medairco Ltd u lil Anthony Migneco (li, kif rajna, hi decizjoni ta' din il-Qorti li dan sar validament), izda biss ghax l-Avviz li intbaghat f'dan il-kaz jippregudika, bil-mod li ntbaghat, id-drittijiet tat-

*taxpayer* li jikkontesta l-pretensjoni tal-Kummissarju appellant.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, u mhux ghar-ragunijiet kollha dedotti mill-ewwel Qorti bhala motivazzjoni ghas-sentenza taghha, tiddeciedi li tichad l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti sakemm kompatibbli ma' dak aktar qabel premess.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------